MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 38

24 ta' Mejju 2022

Minuti tas-seduta Nru. 38 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament..

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 37, li saret fid-19 ta' April 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sistema ta' *one-ways* fi Triq Sant' Elena, Triq Dun Franġisk Sciberras, u Triq Adenau (T/3/2/Vol XVI)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara d-deċiżjoni li ttieħdet dakinhar kien hemm petizzjoni oħra ffirmata minn 47 persuna li qed jirribattu l-i*status quo.* Minħabba raġunijiet ta' saħħa, sigurtà, u tniġġiż bi ħsejjes u d-duħħan tal-vetturi, qed tintalab l-introduzzjoni ta' arranġament fi Triq Dun Franġisk Sciberras, li permezz tiegħu:

(a) Tingħata prijorità pedonali;
(b) Issir *one-way* 'l isfel;
(c) L-aċċess għaliha jkun limitat għar-residenti biss;
(d) Il-limitu tal-veloċità għandu jkun ta' 10 kilometri fis-siegħa;
(e) Jiġu ntrodotti miżuri sabiex inaqqsu l-veloċità tal-vetturi; u
(f) Ma tibqax tiġi wżata bħala rotta alternattiva meta tingħalaq Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.1.3. Fid-dawl tar-raġunijiet kkunsidrati fis-seduta preċedenti, il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġamenti eżistenti għandhom jibqgħu fis-seħħ, iżda Triq Dun Franġisk Sciberras ma tibqax tiġi wżata bħala rotta alternattiva meta tingħalaq Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt li għandhom jsiru tabelli li jindikaw limitu ta' veloċità ta' 10 kilometri fis-siegħa.

## 2.2.1. Aċċess għal persuni b'diżabilità quddiem il-*boathouses* ta' taħt Dawret it-Tunnara (P/8/4)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.15.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal imejl datata 18 ta' Mejju 2022 mibgħut mill-Ministeru għall-Inklużjoni Soċjali, Organizzazzjonijiet Volontarji u l-Konsumatur, fejn inġibdet l-attenzjoni li persuna illi tiffrekwenti waħda mill-*boathouses* taħt Dawret it-Tunnara, applikat għall-*Blue Badge* abbażi ta' diżabilità li għandha skont ċertifikat rilaxxat mill-Isptar Mater Dei fil-25 ta' Ottubru 2021. Imejl f'dan is-sens wasal ukoll mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fit-18 ta' Mejju 2022.

2.2.3. Filwaqt li l-Kunsill empatizza mal-persuni konċernati, fiċ-ċirkostanzi dehrlu li l-aħjar soluzzjoni hija li jiġi nstallat *lifter,* bħal dawk li jinsabu fl-lokalitajiet oħra qrib il-baħar. Dan forsi jkun jista' jiżżarma wara li jgħaddi s-sajf, sabiex ma jkunx daqshekk affettwat bl-elementi.

## 2.3.1. Inawgurazzjoni tax-xogħlijiet u titjib fil-Batterija ta' Westreme – Mużew tat-Tunnara (P/10/30)

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u spjega li l-konferenza stampa ser issir fis-25 ta' Mejju 2022 fil-11:00am fl-imsemmia batterija. Huwa qal li għaliha ġew mistiedna jattendu d-Deputati Parlamentari tad-Distrett, filwaqt li l-inawgurazzjoni tal-proġett ser issir minnu fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej l-Onor Chris Bonett u mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Ġie mistieden jattendu wkoll is-Sur Anthony Fenech li ser jaqra peożija tiegħu dwar it-tunnara.

2.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti msemmija.

## 2.4.1. Jum l-Omm (A/1/1/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fit-8 ta' Mejju 2022 tqassmu pjanti lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV) (T/3/3/Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.14.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-ispustjar tal-*pedestrian crossing,* li tinsab bejn Sqaq Stejfen u Dawret il-Mellieħa, isir bħala parti mill-proġett tar-rikostruzzjoni tal-*promenade* tal-Għadira.

2.5.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta u talab li ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta f'dan is-sens.

## 2.6.1. Okkupazzjoni ta' taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

2.6.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 3.1.1 tas-seduta ta' qabel u staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar il-ftuħ mill-ġdid tat-taraġ imsemmi li ġie mblukkat bil-materjal tal-kostruzzjoni.

2.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-każ kien għadu qed jiġi trattat mill-Pulizija tal-Komunità.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Memorandum ta' Ftehim dwar it-tnehhija ta' haxix selvagg minn passaggi rurali (T/6/3)

3.1.2. Il-Kunsill G. Micallef ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa mhuwiex imniżżel fi ktejjeb ippubblikat mill-Malta Bee Keepers Association, bħala firmatarju tal-ftehim fejn jintrabat illi ma jneħħix veġitazzjoni li tikber lill'hinn minn toroq fejn jgħaddu l-vetturi, bil-għan li n-naħal ikollu fejn jirgħa.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-korrispondenza li kienet intbagħtet korrispondenza lill-assoċjazzjoni msemmija li ma ġietx imwieġba. Minkejja dan, huwa qal li ser jara l-fajl, biex jikkonferma dan.

### 3.2.1. Introduzzjoni ta' ħitan imħaddra fi Triq Lewis Wettinger (K/6/3/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għal diskussjoni li kien hemm xi xhur qabel dwar is-suġġett imsemmi. Hija staqsiet dwar jekk kienx hemm progress dwar dan. Aċċennat ukoll li dawn it-tip ta' inizjattivi huma eliġibbli għal finanzjament taħt d-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

3.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li wieħed għandu jkun kawt f'dawn it-tip ta' proġetti, peress li l-manutenzjoni tagħhom tista' tkun ta' piż esaġerat li jirrendihom insostenibbli u jesponu lill-Kunsill għal kritika.

3.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li jkun tajjeb li l-Kunsill isegwi l-andament tal-ħajt imħaddar li attwalment qed jiġi nstallat mal-ħajt tat-trakka fil-Park tal-Familja. Din l-installazzjoni tirrekjedi ammont konsiderevoli ta tagħmir, li jinkludi pajpijiet, filtri, pompi, *timer*, level switch; tankijiet, kontenituri għall-pjanti, *consumables*, eċċ. Ma' l-istess proġett hemm ukoll ftehim ta' manutenzjoni fuq medda ta' ħames snin.

3.2.5. Fid-dawl tal-minuti 3.2.3. u 3.2.4. il-Kunsill qabel li għandu jiġi segwit l-andament tal-proġett pilota li qed jitwettaq fil-Park tal-Familja.

### 3.3.1. Ikkampjar fil-Bajja tal-Imġiebaħ (T/4/7/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jsir infurzar tal-bye-laws sabiex ma jsirx ikkampjar illegali fil-bajja ndikata.

3.3.3. Il-Kunsill qabel li dan il-punt għandu jiġi mgħoddi lill-Pulizija tal-Komunità.

### 3.4.1. Palazz ta' Selmun (S/5/1)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għal stqarrija li saret fil-Parlament mill-Prim Ministru fejn tħabbar li se tinħareġ sejħa għall-interess biex is-settur privat jinvesti fi proprjetajiet tal-Gvern bħal Palazz ta' Selmun. Huwa staqsa dwar jekk il-pubbliku huwiex ser jibqagħlu aċċess għal dan il-post.

3.4.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-Gvern huwa prekluż bil-liġi li jbiegħ beni storiċi bħalma huwa il-Palazz ta' Selmun. Minkejja dan kien hemm każi fejn il-Gvern assenja tali binjiet u ppermetta l-użu tagħhom għal skopijiet kummerċjali, filwaqt li obbliga lill-investituri jagħmlu r-restawr tagħhom.

### 3.5.1. Devoluzzjoni tal-Fortizza ta' Campbell (A/6/67/Vol III)

3.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar ir-raġuni għaliex ma tkompliex il-proċess ta' devoluzzjoni mill-Kunsill fir-rigward tal-Fortizza ta' Campbell.

3.5.3. Il-Viċi Sindku wieġeb li fil-fatt qatt ma saret applikazzjoni formali għall-għan imsemmi. Huwa qal li fis-seduta li jmiss ikun jista' jagħti d-dettalji.

**3.6.1. Andament tal-kuntratti dwar it-tindif tat-toroq rurali (T/4/6/Vol IV)**

3.6.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 6.1 tas-seduta preċedenti u għarrfet li saret laqgħa mal-kuntrattur inkarigat mit-tindif tat-toroq rurali, fejn ġew trattati nuqqasijiet persistenti li qed jiġu osservati, partikularment fir-rigward ta' Triq Selmun. Ġie miftiehem li t-tbattil tal-*litter bins* għandu jsir tliet darbiet fil-ġimgħa – nhar ta' Tnejn, l-Erbga u l-Ġimgħa. Minn naħa tal-Kunsill ser jinġieb *litter bin* ġdid, qrib il-Park tal-Familja, li jesgħa iktar minn dawk eżistenti. Għall-istess laqgħa attendew ukoll il-*Contracts Manager* u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

3.6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/05/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/04/22 – 20/05/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 28/03/22 – 09/05/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Minuti – Reġjun Tramuntana – 11/05/22

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Installazzjoni ta' *Reverse Vending Machines* (K/6/11)**

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Mejju 2022, fejn il-kumpanija BCRS Ltd għarrfu li ġew inkarigati mill-operatur tal-*Beverage Container Refund Scheme* sabiex jinstallaw *reverse vending machines* fi:

- Triq Edward Camilleri, bejn id-Dar tal-Anzjani u Ġnien il-Qigħan;
- Parkeġġ tal-Armier qrib il-kantuniera ma' Triq Ramlet il-Qortin; u
- Triq il-Marfa biswit l-Għassa tal-Pulizija.

5.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-postijiet indikati, għalkemm esprima dubji kemm huwa possibbli li tista' titqiegħed magna ta' 3.4 metri wisa' x 4.0 metri fond, fi Triq Edward Camilleri, filwaqt li jitħalla passaġġ pedonali ta' 1.2 metri.

**5.2.1. Arranġamenti tat-traffiku f'Dawret it-Tunnara bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill (T/3/2/Vol XVI)**

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta' Mejju 2022, fejn resident irrefera għall-arranġamenti tat-traffiku li ġew introdotti minn Infrastructure Malta, wara li din ġiet mibnija mill-ġdid. Dawn jinvolvu:

- Introduzzjoni mill-ġdid tas-sistema tal-*one-way* li kien hemm fis-seħħ sa mill-2016;
- Tneħħija tal-linji sofor li saru fuq il-lemin tat-trejqa li tagħti għas-*slipway*. Dan sabiex issir *parking bay* minflokha, peress li t-traffiku jrid jimxi lejn Triq it-Trill;
- Li ssir *parking bay* quddiem remissa li ma tintużax bħala garaxx;
- Jitħalla jsir ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kif kien isir qabel sar il-proġett, billi dan anke jġiegħel lis-sewwieqa isuqu bil-mod, kif ukoll jitwaħħlu tabelli SLOW u *speed humps*.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li huwa kkuntattja lill-perit inkarigat mix-xogħlijiet fi ħdan Infrastructure Malta. u rriżulta li l-*parking bays* ma sarux fuq iż-żewġ tat-triq, peress

li l-i*standards* stabbiliti ma jippermettux li jsir dan, meta jitqies il-wisa' limitat tat-triq. Intqal ukoll li ma tneħħew ebda tabelli tan-*No Entry* minn Dawret it-Tunnara kantuniera ma' Triq it-Trill, da parti ta' Infrastructure Malta, u għalhekk f'każ li dawn huma nieqsa, għandhom jerġgħu jsiru.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif miksub minn Infrastructure Malta, skont il-minuta preċedenti, u qabel li għandu jinżamm l-i*status quo*. Kien hemm qbil ukoll li kemm-il darba jeżistu garaxxijiet bil-*parking bays* bojod quddiemhom, jew *vice-versa*, dawn għandhom jiġu korreġuti. Wara li ttieħed in konsiderazzjoni l-wisa' tat-triq li jibqa' bil-vetturi pparkjati, il-Kunsill qabel li dan il-fattur minnu nnifsu għandu jikkontrolla l-veloċità tal-vetturi, u għaldaqstant mhemmx ħtieġa ta' *speed humps*.

### 5.3.1. PA 3129/22 – Ċentru tal-ibburdjar fil-Mistra (P/5/8/M)

5.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni sabiex tiġi rijabilitata art fil-Mistra billi din titwitta bil-għan li tintuża għall-ħażna ta' dgħajjes, u tiġi rinovata binja eżistenti sabiex tintuża mill-Malta Sailing Federation bħala bażi għat-taħriġ.

5.3.3. Fid-dawl tal-fatt li l-post jinsab 'l barra miż-żona tal-iżvilupp, l-art in kwistjoni għandha tiġi wtilizzata biss għal użi agrikoli, minkejja li fil-passat tidher li tneħħiet xi ħamrija minnha.

### 5.4.1. Separazzjoni tal-iskart fi stabbilimenti li jservu l-ikel (K/6/2/Vol V)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefer għal Ċirkulari AKL 2022/044 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fit-22 ta' April 2022, fejn tħabbar li l-operaturi ta' ristoranti u lukandi ser jibbenefikaw mill-ġbir mingħajr ħlas tal-iskart organiku li jiġġeneraw, jekk dan jitpoġġa f'boroż trasparenti/bojod jew ġo bin immarkat kif suppost, u jinħareġ fis-01:00 am is-Sibt u l-Ħadd. Is-servizz ser jingħata bejn is-01:00am u l-05:00am, b'effett mis-7 ta' Mejju 2022.

5.4.3. Is-servizz qed jingħata fiż-żoni turistiċi kollha ta' Malta u Għawdex, kif definit fl-Avviż Legali 295 tal-2007. Stabbilimenti barra miż-żoni elenkati fl-avviż legali għandhom jirreġistraw l-interess tagħhom. Ser jingħata taħriġ lill-operaturi konċernati. Sal-aħħar tal-2022, is-separazzjoni tal-iskart fis-sors se tiġi obbligatorja għad-djar u l-istabbilimenti kummerċjali, kif indikat fil-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Iskart 2021-2030. Operaturi ta' stabbilimenti li jservu l-ikel li jixtiequ jinġabrilhom l-iskart organiku fi ġranet oħra, minbarra s-Sibt u l-Ħadd, jistgħu jagħmlu dan sakemm ikollhom ftehim ma' operatur privat fis-seħħ.

5.4.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għandha tintalab tgħaddi tagħrif dwar ir-rispons li kien hemm mill-operaturi konċernati.

5.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti mir-Reġjun Tramuntana dwar kuntratt li jipprovdi għaż-żamma ta' Parki u Ġonna (K/6/13)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Mejju 2022 fejn ir-Reġjun Tramatana talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-possibiltà li tinħareġ sejħa komuni għas-servizz imsemmi, li effettivament il-ġestjoni tiegħu ssir fil-livell ta' Kunsill.

5.5.3. Għalkemm il-Kunsill lest jikkonsidra l-proposta, innota li l-kuntratt attwali jiskadi f'Marzu tal-2024.

### 5.6.1. Parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni *"Art in Public Spaces"* (M/9)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Mejju 2022, mibgħut minn artist Mellieħi li talab il-kunsens tal-Kunsill sabiex jitwaqqaf monument fuq disin li huwa ppreżenta fir-*roundabout* ta' Selmun, jew fuq dik ta' Triq il-Marfa quddiem id-daħla tal-Mellieħa Holiday Centre. Kemm-il darba din il-proposta tintgħażel, ix-xogħol jiġi ffinanzjat taħt l-iskema *"Art in Public Spaces"*.

5.6.3. Saret referenza għal talba simili li saret permezz ta' imejl datat 16 ta' Mejju 2022 minn artist ieħor sabiex jikkompeti bix-xogħol tiegħu, propost li jiġi nstallat fiż-żona tal-Park tal-Majjistral.

5.6.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jappoġġja l-inijattivi msemmija, filwaqt li nnota li ż-żewġ *roundabouts* imsemmija fil-minuta 5.6.2. jiffurmaw parti mit-Toroq Arterjali li huma taħt ir-responsabiltà diretta ta' Transport Malta.

5.6.5. Kien innutat li l-proposta skont il-minuta 5.6.3. teħtieġ ukoll l-approvazzjoni mill-Bord tal-Park tal-Majjistral.

## 5.7.1. Tneħħija ta' pjattaforma f'Misraħ il-Parroċċa b'rabta mal-Festa tal-Vitorja (T/4/10/Vol II)

5.7.2. Sar aċċenn għad-diffikultajiet li jista' jkun hemm fl-armar għall-Festa tal-Vitorja, kif ukoll l-attivitajiet marbuta magħha, permezz ta' pjattaforma li saret sabiex fuqha jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment f'Nri 8, 9, u 10 f'Misraħ il-Parroċċa.

5.7.3. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fid-dawl tal-permess Nru TC021_19 maħruġ mill-Awtorità tal-Artijiet, kif ukoll dak maħruġ flimkien mal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 3843/18, li jinvolvu t-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq pjattaforma li tista' tiżżarma f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.7.4. Abbażi tal-Klawżola 11 tal-Kundizzjonijiet Standard applikabbli għat-Tqegħid ta' Imwejjed u Siġġijiet, kif ukoll il-*Policy* P20(a) tal-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces*, il-Kunsill iddeċieda li għandu jagħmel talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jitlob lid-detentur tal-permess ikkonċernat biex ineħħi l-pjattaforma eżistenti, bil-għan l-attivitajiet tradizzjonalment marbuta mal-Festa jibqgħu jseħħu bla xkiel.

5.7.5. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ż-żarmar tal-pjattaforma eżistenti m'għandhiex timplika li l-imwejjed u s-siġġijiet jitneħħew ukoll. Madankollu, in-nuqqas ta' pjattaforma bħal din tippermetti aktar flessibbiltà lill-istabbiliment ikkonċernat, kif ukoll lill-organizzaturi tal-festa affettwati biex joperaw mingħajr ma jfixklu lil xulxin matul il-perjodu tal-festa. B'dan il-mod, l-attività kummerċjali permessa tista' tibqa' għaddejja, billi tinbidel il-formazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet skont il-ħtieġa.

## 5.8.1. *Eco Market* (A/6/3/2/Vol 80)

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 11 ta' Mejju 2022, mibgħut minn Eco Market Malta, sabiex din l-attività terġa' isseħħ. Din tinvolvi bejgħ ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u huwa mitlub li sseħħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fit-13 u l-14 ta' Awwissu 202

5.8.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 5.9.1. Tismija ta' triq għall-Monsinjur Mose' Debono (T/4/1/Vol III)

5.9.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-mewt tas-saċerdot imsemmi, li ġrat fl-1 ta' Mejju 2022. Huwa aċċenna li r-Reverendu Mons. M. Debono ta 66 sena ħidma fil-Mellieħa, interotti b'seba' snin li huwa serva bħala kappillan fil-Manikata u Ħal Għurgħur. Is-Sur M. Abela qal li l-kontribut ta' Mon. Debono fost il-poplu Mellieħi kien mifrux fuq diversi aspetti, fosthom l-animazzjoni permezz tal-kant u l-mużika fis-servizzi reliġjużi, il-pubblikazzjoni tal-gazzetta "Il-Mellieħa"; kien strumentali fi twaqqaf taċ-Ċentru Parrokkjali, filwaqt li kien involut bi sħiħ fit-tagħlim tal-katekiżmu, u t-tħejjija tal-katekisti għal dan il-għan. Tul is-saċerdozju tiegħu kien iħarreġ tfal bħala abbatini biex jagħtu servizz waqt il-Quddies u fil-funzjonijiet reliġjużi. Il-ħidma tiegħu fil-formazzjoni tat-tfal kien l-aktar aspett li jispikka fil-ħidma tiegħu fil-Mellieħa.

5.9.3. Ġie nnutat li fl-2001, il-Kunsill Lokali kien onora lill-Mons. M. Debono bl-onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa. Kien osservat ukoll li s-servizz mogħti minnu kien karatterizzat b'dedikazzjoni u passjoni, lejn il-qadi tal-vokazzjoni. Abbażi ta' dawn il-kriterji, il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex il-parti ta' Triq Sant' Elena, li tinsab bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq Ġorġ Borg Olivier, tissemmgħa "Triq Monsinjur Mose' Debono – 1928 – 2022".

## 5.10.1. Materji trattata mir-Reġjun Tramuntana (R/5)

5.10.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ressaq il-minuti tar-Reġjun Tramuntana tas-seduta li saret fil-11 ta' Mejju 2022 meta ġew trattati dawn il-materji:

- Estensjoni tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq għal sena oħra fid-dawl tar-riformi li ser ikun hemm dwar dan is-servizz;
- Ħruġ ta' sejħa għall-interess sabiex jiġi ngaġġat Uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà;
- Xiri ta' *shredder* taż-żkuk tas-siġar;
- Approvazzjoni ta' skema li tipprovdi finanzjament sa €2,000 għal tiżjin ta' toroq fil-Milied 2022;
- Festival tal-baned mifrux fuq medda ta' tliet snin fil-lokalitajiet kollha msieħba; u
- *Tournament* tal-futbol.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li nħarġet is-sejħa għall-offerti kollettiva għall-kuntratt li jipprovdi għall-ġbir tal-iskart domestiku bieb-bieb, li mistenni jibda jopera minn Jannar 2023. Huwa qal li l-Mellieħa ser tibqa' moqdija b'żewġ scammels kbar u ieħor żgħir, filwaqt li r-Reġjun kollu ser ikollu 17-il scammel kbar u 7 żgħar mħaddma minn 53 persuna bejn xufiera u kolletturi. Il-kuntrattur qed jintalab sabiex jimpjega *Waste Manager* sabiex jaħdem mal-*Contracts Managers* tal-Kunsilli Lokali. Il-kontijiet ser jinħarġu lir-Reġjun, li jgħaddihom lill-Kunsilli rispettivi għall-ħlas. Is-Sur J. Buttigieg spjega wkoll li l-frekwenzi tal-ġbir ser jinbidlu u ħa jkunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Organiku - Bajda |
| It-Tlieta | Imħallat - Sewda |
| L-Erbgħa | Organiku - Bajda |
| Il-Ħamis | Riċiklabbli – Griża/Ħadra |
| Il-Ġimgħa | Organiku - Bajda |
| Is-Sibt | Imħallat - Sewda |

5.11.3. Is-Segretarju staqsa dwar jekk l-iskemi awtorizzati mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli humiex ser jispiċċaw, billi dan is-servizz jidher li issa ġie nkorporat f'kuntratt wieħied mal-boroż il-bojod u s-suwed.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel li l-kuntratt attwali għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.

## 5.12.1. Ipparkjar fi Triq l-Għollieqa u Triq Ġnien Ingraw (T/3/2/Vol XVI)

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm hela ta' spazju għall-ipparkjar fit-toroq imsemmija u għalhekk ipproponiet li jsiru *parking bays* biż-żebgħa mal-art.

5.12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-*parking bays* fi Triq l-Għollieqa għandhom jsiru mat-tul kollu fuq in-naħa tal-wied, peress li hemm trejqa li m'għadhiex tintuża.

5.12.4. Il-Kunsill qabel ma' l-implimentazzjoni tas-suġġerimenti mressqa.

### 5.13.1. Permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq (A/6/3/2/Vol 93)

5.13.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li hemm kuntratturi tal-kostruzzjoni li jabbużaw mit-tabelli tan-*No Parking* li jinħarġu mill-Kunsill. Hija qalet li dawn jistgħu jintużaw iktar minn darba f'dati differenti.

5.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dawn it-tabelli jinħarġu mis-sistema tal-permessi u jkollhom numru li jkun jaqbel mal-permess li l-kuntrattur huwa obbligat jżomm fil-vettura sabiex jintwera kemm-il darba dan jintalab mill-uffiċjali tal-infurzar. Is-sistema tinkludi wkoll id-data u l-ħin kopert bil-permess fuq it-tabelli li jkun jaqbel mal-permess li jingħata.

### 5.14.1. Ħitan perikolużi fi Triq il-Lellux k/m Triq il-Fortizza (P/5/2/Vol II)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li xi xhur qabel kien waqa ħajt madwar qatgħa vojta fil-post indikat, illi baqa' ma ġiex irranġat minn sidu. Hija aċċennat li dan jista' jibqa' jaqa' u jikkawża korriment u/jew danni fil-vetturi li jkunu pparkjati biswitu.

5.14.3. Is-Seġretarju Eżekuttiv C. Debono qal li sid-il qatgħa kien ġie kkuntattjat mill-Pulizija tal-Komunità. Huwa qal li din il-materja għandha tibqa' tiġi segwita mal-Pulizija.

### 5.15.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-*mobile blood unit* kien fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2022, bejn it-8:30am sas-1:00pm. Hija aċċennat li 25 persuna taw id-demm.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (K/11)

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 28 ta' April 2022 mibgħut miċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm ta' Gwardamanġa, tramite l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fl-istess korrispondenza sar appell sabiex jinxtegħlu binjiet b'dawl aħmar bejn l-1 u 14 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm fl-14 ta' Ġunju 2022. Hija għarrfet li saru arranġamenti sabiex il-bini f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-monument fi Triq Qasam Barrani jiddawwlu kif miltub.

5.16.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru.

### 5.17.1. Manutenzjoni fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

5.17.2. Il-Kunsilliera K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li t-tapit tal-lastiku fil-*playing field* imsemmija ddeterjora tant li huwa perikoluż.

5.17.3. Il-Kunsill iddeċieda li t-tapit għandu jinbidel kollu.

### 5.18.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-binja taħt il-*multi-purpose court* tal-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.18.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fl-24 ta' Mejju 2022 huwa attenda konferenza stampa mogħtija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, fejn ġew ippreżentati ittri dwar għotjiet taħt l-iskema ta' Finanzjament – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (SPI/SCI/7/2021). Permezz tal-iskema l-Kunsill ikkwalifika għal kofinanzjament ta' 85% tal-istima dwar il-manutenzjoni meħtieġa li jammontaw għal €45,536.20, filwaqt li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel tajjeb għall-15% - €8,035.80 tal-ispiża.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sejħa għall-offerti qed titħejja u ser tiġi ppubblikata fil-jiem li ġejjin.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq it-Tramuntana** **(A/1/1/Vol II)**

5.19.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saritlu talba verbali minn resident fit-triq imsemmija li talab sabiex il-Kunsill jikkonsidra jintroduċi *speed hump* fil-parti bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq San Publiju.

5.19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba m'għandhiex tiġi milqugħa peress li t-triq hija dejqa, filwaqt li l-ipparkjar tal-vetturi jaqleb minn naħa għal'oħra. Dawn il-fatturi waħedhom iġiegħelu lis-sewwieqa jrażżnu l-veloċità.

**5.20.1. Introduzzjoni ta' sistemi CCTV f'diversi postijiet** **(C/9)**

5.20.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-kuntratt li ngħata mill-Kunsill li jinvolvi l-installazzjoni tat-tagħmir imsemmi fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Ta' Fuq il-Miġduma, fil-Park tal-Familja, u fi Ġnien Dun Anton Debono. Ħu spjega li ġie miftiehem mal-kuntrattur sabiex ix-xogħol meħtieġ fi Triq Ġorġ Borg Olivier jiġi pospost għal wara s-sajf sabiex ma jkunx affettwat il-kummerċ f'din it-triq. Il-bqija tal-kuntratt ser jibda jitwettaq fil-ġimgħat li ġejjin.

5.20.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġament maqbul mal-kuntrattur.

**6.1. Sejħa għall-offerti MLC 3/2022 – Xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol VI)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għalqet fit-12 ta' Mejju 2022 u kien hemm offerta waħda minn Aretrop Ltd. Din kienet evalwata mill-Kumitat u ġiet rifjutata minħabba li ma kinitx tinkludi l-offerta teknika. Ġie spjegat li skont ir-regolamenti din id-dokumentazzjoni ma tistax tintalab fi stadju ta' evalwazzjoni. Għaldaqstant il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ppropona li ssir sejħa ġdida.

6.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

**7.1. Miżuri ta' sigurtà fil-*bring-in sites* fl-Armier iż-Żgħir u fi Triq l-Arżnell** **(K/6/10/Vol IV)**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsill kien qabel li għandu jinstab post ġdid għall-*bring-in site* tal-Armier iż-Żgħir 'l bogħod minn xatt-il baħar, possibilment qrib il-*boathouses*. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tas-Sidien tal-*Boathouses* ta' l-Armier iż-Żgħir ġie indikat il-post fejn oriġinarjament kien hemm il-*bring-in site* meta s-servizz kien jingħata minn Green MT Ltd. Wara spezzjoni li saret mill-kuntrattur tal-iskema attwali GreenPak Co-Op Ltd, irriżulta li l-post mhuwiex daqshekk aċċessibbli għall-iscammel użat mill-iskema.

7.2. Permezz ta' imejl datat 9 ta' Mejju 2022, GreenPak qed ipproponew li l-*bring-in sites* f'Ramlet il-Qortin (Ta' Maċċa), fil-parkeġġ tal-Armier, fit-tnejn tar-Ramla tat-Torri l-Abjad għandhom ikunu sorvelvati permezz ta' sistema CCTV, li jipprovduha huma stess, filwaqt li l-kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-konnettività li ma jaqbżux €30 fix-xahar f'kull każ.

7.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li Ambjent Malta pprovdew *bins* għall-faħam użat għall-*barbecues*, li qed jitbattlu mill-ħaddiema li jnaddfu x-xtut u għalhekk il-*bring-in site* li kien fil-parkeġġ jistgħu jitpoġġew fl-istess post.

7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-proposta tal-GreenPak għandha tiġi estiża għall-*bring-in sites* fl-Armier iż-Żgħir, kemm-il darba din titħalla fil-parkeġġ, filwaqt li ssir oħra fi Triq l-Arżnell, fejn din il-faċilità qed tiġi abbużata kontinwament b'kull tip ta' skart.

7.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li l-*bring-in site* fi Triq l-Arżnell għandha titneħħa abbażi tal-fatt li tinsab f'żona urbana milħuqa mis-servizzi li jingħataw bieb-bieb. Għal din ir-raġuni wkoll, il-Kunsill kien tal-opinjoni li sorveljanza permezz tal-cameras ma tkunx daqshekk effettiva biex isir l-infurzar. Fil-fehma tal-Kunsill, dan japplika wkoll fir-rigward tal-faċilitajiet eżistenti f'Ta' Maċċa u Ramlet il-Qortin.

7.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tibqa' issir insistenza fuq GreenPak sabiex tiġi ntrodotta mill-ġdid il-*bring-in site* fl-Armier iż-Żgħir fid-dawl tal-miżura msemmija fil-minuta 7.3., aktar 'il fuq, f'wieħed miż-żewġ postijiet indikati.

## 8.1. Tħejjijiet għall-attività f'Lejlet il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ
**(A/5/5/Vol IV)**

8.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li l-bandu jibda minn Triq Sant' Anna, jgħaddi minn Triq il-Parroċċa, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Kappillan Magri, Triq San Publiju, Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Triq l-Inkurunazzjoni, u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa.

8.3. Ġie spjegat li l-bandu ser ikun animat mill-In Guardia, filwaqt li f'Misraħ il-Parroċċa fejn ser tieħu sehem għaqda mużikali waħda, u s-serata tintemm bil-ħuġġieġa.

8.4. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru.

## 9.1. Użi tal-parkeġġ fl-Għadira **(P/5/8/G)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf fil-5 ta' April 2022, il-Pulizija tal-Komunità ġibdu l-attenzjoni li f'sezzjoni mill-parkeġġ tal-Għadira kienu twaħħlu tabelli bil-kliem *"Reserved for motorised caravans from 1st October to 30th April – Reserved for light vehicles from 1st May to 30th September"*. Meta saru l-kuntatti meħtieġa rriżulta li dan it-tibdil sar minn Transport Malta.

9.3. Fid-dawl tal-fatt, li dawn it-tabelli jikkontradixxu l-*Bye-Laws* L.S. 366.143 il-Kunsill jeħtieġ jieħu pożizzjoni fis-sens:

(a) Jekk il-*bye-laws* għandhomx jibqgħu kif inhuma u ssir rakkomandazzjoni lill-gvern biex jibqa' jmexxi l-applikazzjoni ta' *caravan site* fil-Qortin it-Twil – PA 4987/21;

(b) Jew li jiġu *emendati* l-bye-laws.

9.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta (a).

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Mejju 2022.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-28 ta' Marzu u d-9 ta' Mejju 2022.

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' April u l-20 ta' Mejju 2022.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fit-9:35 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022 fis-6:00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**